**KUNSILL TA'**
**L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 3 ta' Mejju 2006**

**8782/06**

| | |
|---|---|
| **COPEN** | **49** |
| **EJN** | **10** |
| **EUROJUST** | **19** |

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Delegazzjoni tar-Renju Unit |
| lil: | Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali (Esperti dwar il-mandat ta' arrest Ewropew) |
| Nru dok. preċ.: | 11468/04 COPEN 92 EJN 52 EUROJUST 68, 6897/05 COPEN 43 EJN 11 EUROJUST 11 + ADD 1 |
| Suġġett: | Dikjarazzjoni dwar awtoritajiet kompetenti u ċentrali skond id-Deċiżjoni Kwadru dwar il-mandat ta' arrest Ewropew |

Mill-1 ta' April 2006, il-funzjoni tas-Servizz Nazzjonali ta' Intelligence Kriminali (NCIS) bħala Awtorità Ċentrali għall-Mandat ta' Arrest Ewropew ġiet inkorporata fis-Serious Organised Crime Agency (aġenzija inkarigata mill-kriminalità serja organizzata) li għadha kemm ġiet iffurmata.

L-awtorità ċentrali maħtura biex tassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti skond l-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri issa se tkun:

The Fugitives Unit
Serious Organised Crime Agency
PO Box 8000
London SE11 5EN
Tel: +44 (0)20 7238 8555
Fax: +44 (0)20 7238 8112
Email: london@soca.x.gsi.gov.uk

Id-dettalji ta' kuntatt mogħtija f'mandati maħruġa qabel l-1 ta' April 2006 jibqgħu validi. Id-dettalji ta' kuntatt għall-Crown Office Skoċċiż, li huwa l-awtorità ċentrali maħtura f'każijiet fejn ikun magħruf li s-suġġett tal-mandat qiegħed fl-Iskozja, ma nbidlux.

Kwalunkwe talba għal transitu magħmula lir-Renju Unit skond l-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-mandat ta' arrest Ewropew għandha tiġi indirizzata lill-Fugitives Unit fis-Serious Organised Crime Agency.